# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' April 2007

## li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE biex tinkludi miżuri tas-saħħa supplimentari għall-kummerċ tan-naħal ħaj, u sabiex taġġorna l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1811)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/265/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) ta' Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari fl-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) Il-mudell taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju tan-naħal ħaj (*Apis mellifera*) hu stipulat fil-Parti 2 ta' l-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE. F'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa, m'hemm l-ebda rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew it-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.), peress li dawn l-impestazzjonijiet qatt ma ġew irreġistrati fil-Komunità.

(2) Madankollu, sabiex tiġi riflessa t-theddida potenzjali ta' dawn l-annimali ta' ħsara, il-preżenza tagħhom hi issa suġġetta għal notifika ta' l-OIE obbligatorja (l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku) u ġew stipulati miżuri ta' ħarsien dwar l-importazzjoni ta' naħal ħaj minn pajjiżi terżi fid-Deċiżjoni 2003/881/KE [2].

(3) Minkejja dawn il-miżuri, jekk dawn l-annimali ta' ħsara jiddaħħlu fil-Komunità, jeħtieġ li jitwaqqfu miżuri ta' ħarsien supplimentari sabiex jillimitaw il-firxa tal-mard mal-Komunità kollha. Għalhekk jeħtieġ li ċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju għal naħal ħaj u naħal bagħal jiġi vverifikat sabiex jintroduċi rekwiżiti għas-saħħa ta' l-annimali rigward l-impestazzjonijiet tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal u t-Tropilaelaps mite.

(4) Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu mmirati biex jillimitaw il-movimenti tan-naħal ħaj (*Apis mellifera*) u n-naħal bagħal (*Bombus* spp.) miż-żoni infettati. B'kunsiderazzjoni tal-ħila tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal u t-Tropilaelaps mite li jinfirxu malajr, iż-żona li għandha titqies taħt restrizzjoni fil-każ ta' tifqigħa ta' din il-marda għandha tkun mill-inqas 100 kilometru 'l bogħod mill-post infettat.

(5) Barra minn hekk, Sistema Esperta tal-Kontroll tal-Kummerċ (Traces), sistema veterinarja kompjuterizzata integrata, twaqqfet skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE [3]. Sabiex Traces taħdem b'mod effettiv kemm jista' jkun, il-mudelli għaċ-ċertifikati għall-kummerċ intra-Komunitarju għandhom ikunu kompatibbli ma' din is-sistema elettronika.

(6) Għalhekk, iċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom ikunu emendati sabiex iħaffu l-operazzjoni ta' Traces, u ċ-ċertifikat tas-saħħa fil-Parti 2 ta' l-Anness E, barra minn hekk, għandu jkun emendat biex jinkludi l-miżuri tas-saħħa supplimentari għall-kummerċ tan-naħal ħaj u n-naħal bagħal.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness E għad-Direttiva 92/65/KEE huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2007.

(1) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/68/KE (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321).
(2) ĠU L 328, 17.12.2003, p. 26. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/60/KE (ĠU L 25, 28.1.2005, p. 64).
(3) ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

## L-ewwel Parti – Ċertifikat tas-Saħħa għall-kummerċ ta' l-annimali mill-irziezet

**KOMUNITA' EWROPEA** **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza \| I.2.a. Numru lokali ta' riferenza<br>I.3. Awtorita Centrali kompetenti<br>I.4. Awtorita lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali<br>Tel. No | I.6. Numru/I ta' certifikati originali — Numru/I ta' dokumenti li jakkumpanjawhom<br>I.7. |
| I.8. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO \| I.9. | I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO \| I.11. |
| I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad<br>Fond ☐<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali | I.13. Post ta' destinazzjoni<br>Fond ☐ Stabiliment ☐ Korp approvat ☐<br>Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Ohrajn ☐<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali |
| I.14. Post ta' tghabija<br>Kodici Postali | I.15. Data u hin ta' tluq |
| I.16. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni | I.17. Trasportatur<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali — Stat Membru |
| I.18. Speci ta' annimal /Prodott | I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici HS)<br>I.20. Numru/Kwantita |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill | I.24. |
| I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal<br>Tghammir ☐ Simna ☐ Riproduzzjoni artificjali ☐ Qatla ☐ Korp approvat ☐ | |
| I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐<br>Pajjiz terz — Kodici ISO<br>Post ta' hrug — Kodici<br>Post ta' dhul — Numru tal-BIP unit: | I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐<br>Stat Membru — Kodici ISO<br>Stat Membru — Kodici ISO<br>Stat Membru — Kodici ISO |
| I.28. Esportazzjoni ☐<br>Pajjiz terz — Kodici ISO<br>Post ta' hrug — Kodici | I.29. Hin estimat tal-vjagg |
| I.30. Pjan tar-rotta<br>Iva ☐ Le ☐ | |
| I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali<br>Speċi (Isem xjentifiku) Sistema ta ' identifikazzjoni Numru ta ' identifikazzjoni Sess Età Kwantità | |

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

**92/65 EI Annimali mill-irziezet (għasafar tal-priża, għasafar, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. **Tagħrif dwar is-saħħan** | II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat | II.b. Numru ta ' referenza lokali |
|---|---|---|

Jiena, is-sottoskritt veterinarju uffiċjali ([1])/veterinarju responsabbli mill-istabbiliment ta ' l-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti niċċertifika li:

II.1. fil-ħin ta ' l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 1/2005.

II.2. il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma ssodisfatti.

II.3.1. annimal li jixtarr/suwidi ([1]) għajr dak kopert mid-Direttiva 64/432/EEC: ([1])

(a) jagħmel parti mill-ispeċi;

(b) fil-ħin ta' l-eżami, ma jurix xi sinjal kliniku ta' xi mard li huwa suxxettibbli għalih;

(c) ġej minn merħla/razzett li uffiċjalment huwa ħieles minn tuberkolożi/uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi jew minn merħla/razzett li ma humiex suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-marda tal-ħnieżer ([1]) jew minn razzett fejn kien suġġett b'riżultati negattivi għat-testijiet stipulati mill-Artikolu 6(2)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE.

II.3.2. għasafar għajr dawk imsemmija fid-Direttiva 90/539/KEE ([1])

jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/65/KEE u li l-annimali ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta'mard meta ġew eżaminati.

II.3.3. lagomorfi ([1])

jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/65/KEE u li l-annimali ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard meta ġew eżaminati.

II.3.4. klieb, qtates u inmsa ([1])

Jew [(a) jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 5 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u]

Jew [(a) jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 6 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 meta l- kummerċ ikun lejn l-Irlanda, ir-Renju Unit jew l-Iżvezja, u]

(b) għaddew minn eżami kliniku, fi żmien 24 siegħa mill-kunsinna, minn veterinarji awtorizzat mill- awtorità kompetenti, u dan l-eżami juri li l-annimali huma b'saħħithom u jistgħu jivvjaġġaw.

II.4. Il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B ([2]) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([1])

| | |
|---|---|
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |

*Noti*

Il-Parti I:

— Kaxxa ta ' referenza I.6.: Nru(i) ta'dokumenti mehmuża: CITES, jekk applikabbli.

— Kaxxa ta ' referenza I.19.: uża l-kodiċi HS xierqa: 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

— Kaxxa ta ' referenza I.31.: Identifikazzjoni: Għandha tintuża l-identifikazzjoni individwali kull fejn ikun possibbli iżda fil-każ ta' l-annimali żgħar, identifikazzjoni tal-lott tista ' tintuża.

Età u Sess: Għandha timtela biss fil-każ ta ' annimali ħajjin, jekk xieraq.

Il-Parti II:

(1) Ħassar kif meħtieġ.
(2) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.
— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali/approvat

| | |
|---|---|
| Isem (b’ittri kbar): | Kwalifika u titlu |
| Unità Veterinarja Lokali: | Numru ta’ l-LVU relatat: |
| Data: | Firma: |
| Timbru | |

## Il-Parti 2 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ tal-kolonji tan-naħal/irġejjen tan-naħal u tan-naħal bagħal

**KOMUNITA' EWROPEA** **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali | | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza | I.2.a. Numru lokali ta' riferenza |
| | | I.3. Awtorita Centrali kompetenti | |
| | | I.4. Awtorita lokali kompetenti | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz | | I.6. | |
| | | I.7. | |
| I.8. Pajjiz ta' origini Kodici ISO | I.9. | I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO | I.11. |
| I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad<br>Fond ☐ Ohrajn ☐<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali | | I.13. Post ta' destinazzjoni<br>Fond ☐ Ohrajn ☐<br>Isem Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali | |
| I.14. Post ta' tghabija<br>Kodici Postali | | I.15. Data u hin ta' tluq | |
| I.16. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni | | I.17. | |
| I.18. Speci ta' annimal /Prodott | | I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)<br>01.06.90 | |
| | | I.20. Numru/Kwantita | |
| I.21. | | I.22. Numru ta' pakketti | |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill | | I.24. | |
| I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal<br>Tghammir ☐ Transhumance (caqliq ta' ghanem) ☐ | | | |
| I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐<br>Pajjiz terz Kodici ISO<br>Post ta' hrug Kodici<br>Post ta' dhul Numru tal-BIP unit: | | I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐<br>Stat Membru Kodici ISO<br>Stat Membru Kodici ISO<br>Stat Membru Kodici ISO | |
| I.28. Esportazzjoni ☐<br>Pajjiz terz Kodici ISO<br>Post ta' hrug Kodici | | I.29. | |
| I.30. | | | |
| I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali<br>Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità Numru tal-baċċ | | | |

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

**92/65 EII naħal/irġejjen tan-naħal *(Apis mellifera)* u naħal bagħal *(Bombus* spp.)**

IL-Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat | II.b. Numru ta ' referenza lokali |
|---|---|---|

Jiena, is-sottoskritt niċċertifika li:

II.1. in-naħal/naħal bagħal:

(a) ikunu ġejjin minn żona li ma tkunx suġġetta għal ordni ta ' projbizzjoni assoċjata ma ' ġrajja tal- marda Amerikana fatali tal-batteriji tal-larva (foulbrood). (Il-perijodu ta ' projbizzjoni tkompla għall-inqas għal 30 jum wara l-aħħar każ irreġistrat u d-data li fiha il-qolol f'radju ta ' tliet kilometri ġew ikkontrollati mill-awtorità kompetenti u kull qolla infettata maħruqa jew ittrattata u spezzjonata għas-sodisfazzjoni ta' l-awtorità kompetenti msemmija);

(b) jiġu minn żona ta' għall-inqas 100 km radju li m'hijiex soġġetta għal restrizzjonijiet assoċjati mal-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal *(Aethina tumida)* jew it-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.) u meta dawn l-impestazzjonijiet m'mhumiex preżenti;

(c) kif ukoll l-imballaġġ tagħhom għadda minn eżami viżwali sabiex jaraw il-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal *(Aethina tumida)* jew il-bajd jew il-larva tagħha, jew impestazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari it-*Tropilaelaps* spp., li taffetwa lin-naħal.

II.2. il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B (1) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej (2):

| | |
|---|---|
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |

*Noti*

Il-Parti I:

— Kaxxa ta ' referenza I.31.: Speċi: daħħal l-*Apis mellifera* jew il-*Bombus* spp.
Kwantità: agħti n-numru tal-kolonji.
Numru tal-lott agħti n-numru ta' siġilli fejn applikabbli.

Il-Parti II:

(1) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat jew uffiċjali approvat

| | |
|---|---|
| Isem (b ' ittri kbar): | Kwalifika u titlu |
| Unità Veterinarja Lokali: | Numru ta ' l-LVU relatat: |
| Data: | Firma: |
| Timbru | |

## Il-Parti 3 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ ta' l-annimali, sperma, embrijuni jew ova minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati

**KOMUNITA' EWROPEA** **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza / I.2.a. Numru lokali ta' riferenza<br>I.3. Awtorita Centrali kompetenti<br>I.4. Awtorita lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali | I.6. Numru/I ta' certifikati originali / Numru/I ta' dokumenti li jakkumpanjawhom<br>I.7. |
| I.8. Pajjiz ta' origini / Kodici ISO / I.9. | I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni / Kodici ISO / I.11. |
| I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad<br>Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Korp approvat ☐<br>Isem / Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali | I.13. Post ta' destinazzjoni<br>Fond ☐ Stabiliment ☐ Korp approvat ☐<br>Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Ohrajn ☐<br>Isem / Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali |
| I.14. Post ta' tghabija<br>Kodici Postali | I.15. Data u hin ta' tluq |
| I.16. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni | I.17. Trasportatur<br>Isem / Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodici Postali / Stat Membru |
| I.18. Speci ta' annimal /Prodott | I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)<br>I.20. Numru/Kwantita |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill | I.24. |
| I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal<br>Tghammir ☐ Simna ☐ Riproduzzjoni artificjali ☐ Qatla ☐ Korp approvat ☐ | |
| I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐<br>Pajjiz terz / Kodici ISO<br>Post ta' hrug / Kodici<br>Post ta' dhul / Numru tal-BIP unit: | I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐<br>Stat Membru / Kodici ISO<br>Stat Membru / Kodici ISO<br>Stat Membru / Kodici ISO |
| I.28. Esportazzjoni ☐<br>Pajjiz terz / Kodici ISO<br>Post ta' hrug / Kodici | I.29. Hin estimat tal-vjagg |
| I.30. Pjan tar-rotta<br>Iva ☐ Le ☐ | |

I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali

| Speċi | (Isem xjentifiku)) | Sistema ta ' identifikazzjoni | Numru ta ' identifikazzjoni | Sess | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

**92/65 EIII Annimali sperma, embrijuni u ova minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati**

**Il-Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat | II.b. Numru ta ' referenza lokali |
|---|---|---|

Jiena, is-sottoskritt veterinarju responsabbli għall-istabbiliment ta' l-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti niċċertifika li:

II.1. Il-korp, istitut jew ċentru ta' l-oriġini huwa approvat bi qbil ma ' l-Anness C tad-Direttiva 92/65/KEE għall-iskop ta' negozju ta' l-annimali, sperma, embrijuni jew ova deskritt hawn fuq.

II.2. L-annimali/annimali donaturi deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġew eżaminati llum u nstabu li huma b'saħħithom u ħielsa minn sinjali kliniċi ta ' mard li jinfetta inkluż dak imsemmi fl-Anness A tad-Direttiva 92/65/KEE u ma huma soġġetti għall-ebda restrizzjoni uffiċjali u baqgħu fuq dan il-korp, istitut jew ċentru jew mit-twelid jew għal perjodu ta ' żmien li ġej ............................... (xhur jew snin).

II.3. Fil-ħin ta' l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u mal-ħtiġijiet ta' l-IATA u/jew linji ta' gwida CITES għat-trasport fejn applikabbli.

II.4. Il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B (1) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej (2):

| | |
|---|---|
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |

II.5. L-għasafar jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2006/474/KEE tlaqqmu kontra l-Influwenza tat-Tjur fuq .......................................................... (data), tilqima ....................................(isem).

*Noti*

Il-Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.6.: Nru(i) ta ' dokumenti mehmuża: CITES, jekk applikabbli.

— Kaxxa ta' referenza I.19.: uża l-kodiċi HS xierqa: 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39, 01.06.11, 01.06.19, 05.11.99.90.

— Kaxxa ta' referenza I.31.: Identifikazzjoni: l-identifikazzjoni individwali għandha tintuża kull fejn hu possibbli Iżda fil-każ ta' l-annimali żgħar, identifikazzjoni tal-lott tista ' tintuża.

Età u Sess: għandha timtela biss fil-każ ta' annimali ħajjin, jekk meħtieġ.

Il-Parti II:

(1) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat

| | |
|---|---|
| Isem (b' ittri kbar): | Kwalifika u titlu |
| Unità Veterinarja Lokali: | Numru ta ' l-LVU relatat: |
| Data: | Firma: |
| Timbru' | |